**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 15 ta' Dicembru, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 702/2020 AF**

**Brian Bonello bhala mandatarju ghan-nom u rapprezentanza ta' Ludgarda Bonello**

**vs**

**Kristinu Portelli u li fil-verbal tal-25 ta' Novembru 2020, il-Qorti ordnat il-korrezzjoni fejn l-isem tal-intimat ghandu jaqra "Cristino"**

**u**

**Maria Carmela Bezzina**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf tal-attur Brian Bonello nomine, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Il-mandanti tar-rikorrent hija werrieta flimkien mal-intimati tal-mejtin ġenituri taghha, Giuseppe u Vittorja konjugi Portelli f'sehem ta' terz (1/3) kull wiehed.

Il-wirt tal-imsemmija Giuseppe u Vittorja konjugi Portelli huwa regolat minn testment fl-atti tan-Nutar Dottor Salvatore Abela, tas-9 ta' Ottubru 1967, kopja tieghu hawn anness u mmarkata "Dok. A".

L-assi tal-wirt illum jikkonsistu interament minn dar bl-indirizz 125, Gorg Borg Olivier Street, ir-Rabat, u ma saret ebda divizjoni tal-wirt bejn il-kontendenti.

L-esponenti ma tixtieqx tibqa f'sehem indiviz tal-wirt imsemmi mal-intimati u ghaldaqstant tixtieq li ssir likwidazzjoni u divizjoni tal-wirt u senjatament bhala konsegwenza wkoll tal-fond imsemmi 125, Gorg Borg Olivier Street, ir-Rabat, Malta.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tillikwida l-wirt tal-imsemmija Giuseppe u Vittorja konjugi Portelli bl-opra tal-perit nominandi.

2. Taqsam u tiddividi l-istess wirt f'kwoti ndaqs bejn il-partijiet cioè f'sehem ta' terz kull wiehed kif intqal fuq.

3. Tordna l-bejgh b'licitazzjoni ta' dawk il-fondi immobbli li jirrizultaw komodament indivizibli fi tlett kwoti ndaqs sabiex ir-rikavat mill-imsemmi bejgh jinqasam fl-istess kwoti ndaqs bejn il-partijiet kollha.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta maħlufa tal-konvenuti Cristino Portelli u Maria Carmela Bezzina, li permezz tagħha eċċepew illi:

In linea preliminari r-rikors guramentat promotur huwa null stante li Brian Bonello ma jistax jagixxi fil-proceduri odjerni bhala mandatarju ta' ommu Ludgarda Bonello u dana peress li l-istess Ludgarda Bonello tghix u hija residenti f'Malta.

In linea preliminari wkoll, u assolutament minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, Brian Bonello ma ghandu l-ebda *locus standi* f'dawn il-proceduri.

In linea preliminari wkoll, u assolutament minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, fi kwalunkwe kaz Brian Bonello ghandu jgib prova li ghandu mandat validu fil-ligi sabiex jagixxi ghan-nom ta' ommu Ludgarda Bonello.

Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-ahhar testment ta' Giuseppe Portelli huwa dak datat 19 ta' Dicembru 1970 fl-atti tan-Nutar Dottor Salvatore Abela.

Dejjem minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, mhux minnu li l-assi tal-wirt in kwistjoni jikkonsistu interament mid-dar numru 125, Triq Gorg Borg Olivier, ir-Rabat, izda jikkonsisti wkoll f'diversi oggetti mobbli.

Dejjem minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, in vista tal-eccezzjoni precedenti, u ta' dak dikjarat fir-Rikors Guramentat, it-talbiet attrici huma nsostenibbli stante li effettivament qed tintalab divizjoni parzjali tal-wirt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat id-dokument anness.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża għal diviżjoni ta' wirt. Is-sentenza tal-lum hija limitatament dwar l-ewwel tlett eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti li permezz tagħhom eċċepew (i) in-nullità tar-rikors maħluf; (ii) li l-attur m'għandu l-ebda *locus standi* f'dawn il-proċeduri u (iii) li l-attur għandu jġib prova tal-mandat tiegħu sabiex jaġixxi għan-nom ta' ommu Ludgarda Bonello.

Il-Qorti tqis illi t-tieni u tielet eċċezzjonijiet preliminari huma sorvolati in kwantu li fl-udjenza tat-3 ta' Ġunju 2021 Brian Bonello pppreżenta kopja tal-prokura li huwa ngħata minn Ludgarda Bonello. Fl-istess udjenza, id-difensur tiegħu ddikjara li l-assistit tiegħu m'huwiex qed jippretendi l-ebda *locus standi* f'ismu personali.

Jibqa' għalhekk l-ewwel eċċezzjoni preliminari. A tenur tal-artikolu 1866 tal-Kap. 16:

> *"Iżda, il-mandatarju ma jistax joqgħod fil-kawża, bħala attur jew konvenut, fl-isem tal-mandant, għalkemm dan ikun tah din is-setgħa, meta l-mandant innifsu ma jkunx nieqes mill-gżira li fiha l-kawża għandha ssir, bla ħsara dejjem ta' dak li jingħad fl-artikolu 786 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili: iżda mandatarju taħt mandat irrevokabbli mogħti bħala garanzija għat-twettiq ta' obbligazzjoni jista' jiftaħ kawża f'isem il-mandant irrispettivament minn din id-dispożizzjoni sabiex jipproteġi jew jenforza d-drittijiet garantiti bil-mandat."*

Mhux kontestat illi Ludgarda Bonello, għalkemm hija *bedridden*, fil-fatt tgħix Malta u kienet tinsab Malta meta ġiet ippreżentata l-kawża. Għalhekk, huwa ċar minn kliem l-artikolu suċitat illi l-kawża kellha ssir minn Ludgarda Bonello f'isimha personali stante li ma jirriżultax li hija applikabbli xi eċċezzjoni għal din ir-regola skont l-artikolu 786 tal-Kap. 12.

Kif proprju qalet din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet Vincent Cuschieri Limited vs Korporazzjoni Enemalta et, tat-2 ta' Frar 2017:

> *"Illi l-liġi tfisser il-mandat bħala l-kuntratt li bih persuna tagħti lil persuna oħra s-setgħa li tagħmel xi ħaġa għaliha (art. 1856(1) Kap. 16). Il-mandatarju jista', bis-setgħa mogħtija mill-mandant, ikun konvenut f'ismu, f'kawżi illi għandhom x'jaqsmu mal-affari li tidħol fil-mandat (art. 1865(2) Kap. 16), iżda ma jistax joqgħod fil-kawża, bħala attur jew konvenut, f'isem tal-mandant, anke jekk dan ikun tah dik is-setgħa, meta l-mandant innifsu ma jkunx nieqes mill-gżira li fiha l-kawża għandha ssir (art. 1866 Kap. 16)."*

L-istat ta' saħħa ta' Ludgarda Bonello jista' jagħti lok għal mezzi proċedurali skont il-liġi tagħna biex binha jkun jista', bl-awtorità tal-Qorti jew il-Bord tal-Kuraturi stabbilit mil-liġi, jingħata l-jedd li jidher f'isimha u jamministra l-ġid ta' tagħha. Iżda Brian Bonello ma għamel xejn minn dan.

Il-Qorti żżid tgħid li l-liġi tagħti permess biss li atti jiġu ppreżentati minn terzi f'isem ħaddiehor skont l-artikolu 180(1) tal-Kap. 12, iżda dan l-artikolu jillimita tali dritt għall-preżentata tal-att u mhux li xi ħadd jidher fuq att in rappreżentanza tal-parti, meta tali parti tinstab f'Malta.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawza billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti u għaldaqstant, tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

IMHALLEF

DEP/REG